MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 312/2012

**Fredrick u Marianne konjugi Frendo**
**(ID865750-M u 207982-M rispettivament)**

**vs**

**Tal-Maghtab Construction Company Limited**
**C-11485**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi ddikjaraw illi s-somma ta’ elfejn erba’ mija hamsa u ghoxrin Ewro disgha u ghoxrin centezmu (€2,425.29c) mitluba b’dan l-avviz tirraprezenta d-danni kollha sofferti mill-atturi Frederick u Marianne konjugi Frendo bhala rizultat ta’ incident illi sehh fis-27 ta’ Mejju 2011 fir-residenza taghhom u cioe’ “Laspher”, Triq Wied id-Dis, Madliena, Swieqi, meta waqt li kienu qed isiru xoghlijiet ta’ kostruzzjoni fil-fond adjacenti, liema xogholijiet saru mis-socjeta’ konvenuta, gie danneggjat il-hajt tal-gnien,

proprjeta' tal-atturi, fejn sahansitra waqghu xi knaten tal-istess hajt fejn, konsegwentement, giet danneggjata wkoll is-sistema ta' *drip irrigation* istallata fil-gnien tal-atturi kif ukoll pjanti li kienu sitwati f'dik iz-zona.

Ghal dawn ix-xogholijiet u konsegwenzjali danni, is-socjeta' konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja u negligenza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali b'effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn erba' mija hamsa u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€ 2,425.29c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------